



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Novembru 2021
(OR. en)

13699/21

ECOFIN 1067
STATIS 48
UEM 338

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 13047/21

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-UE

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-UE għall-2021 kif approvati mill-Kunsill (ECOFIN) fit-3822 laqgħa tiegħu li saret fid-9 ta' Novembru 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-UE

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin:

B'segwitu għall-prijoritajiet stipulati fil-Konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-UE ta' Novembru 2020, partikolarment dwar ir-Rapport tal-Istatus tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF) dwar ir-Rekwiżiti ta' Informazzjoni fl-UEM, u b'kont meħud tal-linji gwida politiċi għall-Kummissjoni 2019-2024, il-ħtiġijiet statistiċi li jirfdu l-governanza ekonomika, u s-sitwazzjoni eċċezzjonali li għadha prevalenti fl-2021 fir-rigward tal-COVID-19, il-Kunsill eżamina mill-ġdid il-progress relatat ma' rekwiżiti ta' informazzjoni fl-UEM, l-istatistika tal-PDE u s-sorveljanza ta' żbilanċi makroekonomiċi, u statistika strutturali.

Ir-rispons tal-istatistika għall-COVID-19

Il-Kunsill JILQA' l-proattività u l-kapaċità ta' rispons tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) u tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ), li żguraw li l-istatistika uffiċjali ta' kwalità għolja kompliet tiġi ppubblikata sal-iskadenza, b'rispons għall-ħtiġijiet tal-utenti eżistenti u dawk ġodda, minkejja l-impatt kontinwu tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-produzzjoni tal-istatistika matul l-2021.

Il-Kunsill JILQA', b'mod partikolari, l-iżvilupp mill-ESS tad-Dashboard Ewropew tal-Istatistika tal-Irkupru maħruġ kull xahar mill-Eurostat u li jkopri indikaturi ferm rilevanti għat-traċċar tax-xejriet ekonomiċi u soċjetali fil-fażi ta' rkupru mill-COVID-19.

Il-Kunsill JILQA' l-iżvilupp kontinwu mill-ESS ta' statistika ġdida u rilevanti ħafna, spiss fuq bażi sperimentali, li għaliha l-aċċess għal sorsi ġodda ta' data u l-iżvilupp ta' tekniki statistiċi ġodda kienu fundamentali. F'dan il-kuntest, il-Kunsill ITENNI l-importanza ta' aċċess akbar u sostnut għall-produtturi tal-istatistika uffiċjali – għal sorsi amministrattivi u għal sorsi ġodda ta' data.

Barra minn hekk, il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI lill-ESS biex ukoll tkompli tesplora sorsi u teknoloġiji ġodda tad-data u tiżviluppa metodi innovattivi għall-produzzjoni ta' statistika Ewropea ta' kwalità għolja, aktar rikka u rapida. B'mod partikolari, il-Kunsill JAPPOĠĠA li l-ESS għandha żżid l-azzjonijiet u l-approċċi li għandhom l-għan li jtejbu l-puntwalità tal-istatistika uffiċjali, filwaqt li jinżammu l-kriterji l-oħra tal-kwalità tal-Qafas għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità.

Il-Kunsill JILQA' l-involvement u l-isforzi tal-Eurostat, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, biex jipprovdi gwida dwar l-aspetti statistiċi ta' xi miżuri ta' politika, b'mod partikolari miżuri ta' appoġġ għan-negozju u l-impjiegi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, l-inizjattivi fi ħdan il-programm "Next Generation EU", u b'mod partikolari l-Fond għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Il-Kunsill JAPPELLA għall-espansjoni tal-kontijiet tal-istatistika għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea biex jirriflettu l-impatt ta' dawn l-inizjattivi fl-istatistika.

Riżorsi għall-istatistika

Il-Kunsill JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jiġi żgurat li r-riżorsi umani u finanzjarji jkunu adegwati għall-Eurostat u l-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Istatistika, biex ikunu jistgħu jħaddnu aktar is-sorsi tad-data u t-teknoloġiji diġitali l-ġodda sabiex jipproduċu statistika uffiċjali aktar f'waqtha u aktar granulari fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali li tissodisfa r-rekwiżiti tad-data li qed jinbidlu malajr relatati mat-trasformazzjoni diġitali, it-tranżizzjoni ekoloġika u t-tibdil fil-klima, kif ukoll il-konsegwenzi tal-pandemija.

Aċċess għal data għal finijiet ta' statistika

Il-Kunsill JIEĦU NOTA tad-dokument ta' pożizzjoni tal-ESS dwar il-proposta futura tal-Att dwar id-Data. Il-Kunsill JISTENNA B'INTERESS il-proposta li jmiss dwar l-Att dwar id-Data bħala li toffri opportunità għall-istabbiliment ta' aċċess sostnut u b'qafas legali għal data miżmuma privatament għal finijiet ta' statistika uffiċjali.

F'dan il-kuntest, il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI lill-ESS - f'kollaborazzjoni mill-qrib mas-SEBĊ - biex tkompli fit-triq lejn l-użu ta' sorsi ġodda ta' data, prinċipalment mis-settur privat iżda wkoll minn sorsi amministrattivi, biex ittejjeb l-informazzjoni statistika ta' interess pubbliku għoli permezz ta' aktar puntwalità, aktar granularità tematika u reġjonali ta' data statistika inkluż statistika sperimentali.

Statistika b'rabta mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-Patt Ekoloġiku Ewropew

Il-Kunsill JILQA' l-kisbiet tal-Eurostat fir-rigward tal-għoti ta' indikaturi statistiċi u informazzjoni għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fil-livell tal-Unjoni Ewropea fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, u JINKORAĠĠIXXI lill-Eurostat biex ikompli l-monitoraġġ tal-progress lejn l-SDGs f'kooperazzjoni mal-Istati Membri.

Il-Kunsill JILQA' l-isforzi mwettqa mill-ESS biex tissodisfa d-domandi emerġenti għal informazzjoni mill-prijorità tal-Patt Ekoloġiku Ewropew fl-oqsma tal-istatistika dwar l-enerġija, l-istatistika relatata mat-tibdil fil-klima, il-kontinwazzjoni ekonomika ambjentali, l-istatistika dwar it-trasport u l-finanzjament sostenibbli. Il-Kunsill JILQA' l-fatt li l-BĊE, bħala parti mill-pjan ta' azzjoni tiegħu biex jinkludi konsiderazzjonijiet dwar it-tibdil fil-klima fl-istrateġija tal-politika monetarja tiegħu, ser jiżviluppa indikaturi sperimentali ġodda għal strumenti finanzjarji ekoloġiċi u l-marka tal-karbonju tal-istituzzjonijiet finanzjarji, kif ukoll l-esponimenti tagħhom għar-riskju fiżiku relatat mal-klima, f'konformità mal-progress fir-rigward tal-politiki u l-inizjattivi tal-UE fl-iżvelar u r-rappurtar tas-sostenibbiltà ambjentali. Il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI l-iżvilupp ulterjuri ta' indikaturi f'waqthom possibbilment ibbażati fuq raġunijiet legali, u b'kont meħud tal-piż fuq l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika.

Ir-Rapport tal-Istatus tal-KEF tal-2021 dwar ir-Rekwiżiti ta' Informazzjoni fl-UEM

Il-Kunsill JIEĦU NOTA tal-iżviluppi deskritti fir-Rapport tal-Istatus tal-KEF tal-2021 dwar ir-Rekwiżiti ta' Informazzjoni fl-UEM. B'mod partikolari, il-Kunsill:

JAPPREZZA t-titjib ulterjuri fil-kopertura tal-pajjiż, il-puntwalità, it-tul tas-serje ta' żmien u l-kwalità inġenerali tal-Indikaturi Ekonomiċi Ewropej Prinċipali (IEEP).

JISSOTTOLINJA r-rwol importanti kontinwu li għandhom l-IEEP bħala bażi għall-monitoraġġ tal-iżviluppi ekonomiċi fuq perijodu qasir u JISTENNA B'INTERESS aktar progress biex jingħalqu l-lakuni li fadal.

Fir-rigward tal-kontijiet nazzjonali, il-Kunsill JIEĦU NOTA li bħalissa għaddej rieżami ta' nofs it-terminu tal-Programm ta' Trażmissjoni tal-ESA 2010, u JINKORAĠĠIXXI t-titjib ulterjuri previst fid-disponibbiltà u l-konsistenza tad-data tal-kontijiet nazzjonali.

Statistika tal-proprjetà immobbli għal finijiet makroprudenzjali u oħrajn

Il-Kunsill JILQA' l-inizjattivi li għaddejjin kemm mill-ESS kif ukoll mis-SEBĊ biex isir progress fil-ħidma kunċettwali u Prattika fuq l-indikaturi tal-proprjetà immobbli kummerċjali. Il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI kemm lill-ESS kif ukoll lis-SEBĊ biex ikomple jattribwixxu l-importanza u l-urġenza neċessarji lil din il-kwistjoni.

L-ispejjeż tad-djar u l-inflazzjoni

Il-Kunsill JIRRIKONOXXI l-valutazzjoni tal-BĊE li l-HICP jibqa' l-indiċi adatt għall-kwantifikazzjoni tal-oġettiv ta' stabbiltà tal-prezzijiet tal-BĊE għaż-żona tal-euro. Il-Kunsill JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjoni tal-BĊE biex jinkludi, f'approċġ gradwali, l-ispiża tad-djar okkupati mis-sidien fl-HICP abbażi tal-“approċġ ta' akkwist net”. Il-Kunsill JILQA' d-diskussjonijiet li għaddejjin fi ħdan l-ESS u s-SEBĊ dwar kif tista' tiġi riflessa aħjar il-kontribuzzjoni tal-ispejjeż tal-akkomodazzjoni għall-inflazzjoni.

Statistika għall-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u l-Proċedura ta' Żbilanċi Makroekonomiċi (MIP)

Il-Kunsill JILQA' l-garanzija tal-kwalità tal-istatistika sottostanti għall-MIP, u JAPPREZZA r-rapport annwali ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-ESS u s-SEBĊ dwar l-istatistika tal-MIP mill-Eurostat u l-BĊE, FILWAQT LI JIEĦU NOTA tal-azzjonijiet identifikati fih.

Il-Kunsill ITENNI l-appell tiegħu lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li d-data statistika meħtieġa għall-applikazzjoni tal-punt ta' riferiment tan-nefqa tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, inkluż data dwar id-dħul tal-gvern fil-forma ta' finanzjament mill-UE, jiġu rrappurtati lill-Eurostat.

Statistika demografika u projezzjonijiet tal-popolazzjoni

Il-Kunsill JILQA' l-ħidma tal-Eurostat dwar il-projezzjonijiet tal-popolazzjoni u JINNOTA b'mod partikolari, il-pubblikazzjoni ta' projezzjonijiet tal-popolazzjoni reġjonali li tipprovdi stampa aktar dettaljata tat-tixjiħ tal-popolazzjoni u d-diversità territorjali.

Il-Kunsill JILQA' r-rilaxx kontinwu ta' data dwar il-mortalità eċċessiva, li tinforma lil dawk li jfasslu l-politika u lill-pubbliku ġenerali dwar il-kobor u l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-soċjetajiet Ewropej, u l-progress fl-avvanz tar-rilaxx ta' stimi proviżorji tal-istennija tal-għomor mat-twelid għall-2020 bi kważi sena.

Il-Kunsill JAPPREZZA l-inizjattiva l-ġdida tal-Kummissjoni dwar l-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni (ESOP) li għandha l-għan li tipproponi qafas legali integrat ġdid għal din l-istatistika sa nofs l-2022 u JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri biex jużaw, kemm jista' jkun, sorsi u reġistri amministrattivi eżistenti għall-kompilazzjoni ta' din l-istatistika.

Statistika soċjali

Il-Kunsill JAPPREZZA l-progress li sar fil-modernizzazzjoni tal-istatistika soċjali biex tiżdied il-kapaċità ta' rispons għall-ħtiġijiet tal-utenti b'livell ta' puntwalità, robustezza, rilevanza u effiċjenza li jappoġġa bis-sħiħ il-prijoritajiet ta' politika, b'mod partikolari l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u biex jittejbu aktar il-komparabbiltà u l-koerenza tal-istatistika soċjali tal-UE.

Il-Kunsill JAPPREZZA l-inizjattiva dwar id-data dwar is-suq tax-xogħol għan-negozji, u l-implimentazzjoni li għaddejja tal-qafas tal-IESS.

Statistika tan-negozju u l-globalizzazzjoni

Il-Kunsill JILQA' l-kontinwazzjoni tat-titjib fl-istatistika Ewropea dwar in-negozju permezz tal-implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-istatistika Ewropea tan-negozju, inkluż kopertura aħjar tal-SMEs fl-Istatistika Strutturali tan-Negozju, statistika addizzjonali u aktar frekwenti għas-servizzi, aktar dettall għall-kummerċ internazzjonali (b'mod partikolari għall-kummerċ fis-servizzi), u kejl aħjar tad-diġitalizzazzjoni.

Il-Kunsill JIRRIKONOXXI l-progress li sar fil-kejl tal-Ekonomija Kollaborattiva bil-pubblikazzjoni mill-Eurostat tal-ewwel data dwar akkomodazzjoni għal soġġorn qasir ibbukkjata permezz ta' erba' pjattaformi privati, abbażi ta' ftehim storiku għall-kooperazzjoni ma' pjattaformi elettroniċi għal servizzi ta' akkomodazzjoni u l-użu tad-data tagħhom biex tiġi ġġenerata statistika ġdida dwar it-turiżmu.

Il-Kunsill JIRRIKONOXXI l-ħidma li saret biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-globalizzazzjoni għall-istatistika, anke bis-saħħa ta' kooperazzjoni msaħħa fi ħdan u bejn l-ESS u s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali. F'dan il-kuntest, il-Kunsill JILQA' r-riflessjonijiet li għaddejjin dwar kif għandha tiġi ffaċilitata aktar il-kondiviżjoni ta' informazzjoni rilevanti bejn il-kompilaturi tal-istatistika.

Il-Kunsill JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġi ffaċilitat l-użu ta' konnessjoni ta' mikrodata fi ħdan l-istatistika dwar in-negozju, li jitjieb l-aċċess għar-rekords amministrattivi u li jiġi permess l-użu ta' sorsi ġodda li għandhom inaqqsu l-piż fuq in-negozji.

Kwalità u klassifikazzjonijiet

Il-Kunsill JIEĦU NOTA tat-tnedija tat-tielet ċiklu ta' Rieżamijiet bejn il-Pari tal-ESS u l-istituzzjonijiet membri tagħha, u JISTENNA li r-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw ser jitmexxew 'il quddiem biex titjieb il-konformità mal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea u tiżdied il-kwalità tal-istatistika Ewropea.

Il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI lill-ESS biex tkompli u tlesti r-rieżami tagħha tal-klassifikazzjonijiet statistiċi tal-industriji u l-prodotti, f'kooperazzjoni sħiħa mal-partijiet interessati rilevanti, sabiex ikunu jistgħu jiffurmaw il-bażi għal statistika aktar rilevanti u dettaljata fil-futur.